# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 84

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 84

L-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Neville Chetcuti – Kunsillier Gżira
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Edgar Montanaro – Kunsillier San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

84.1.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti li ftit tal-minuti qabel il-laqgħa il-President kien informa lis-Segretarju Ezekuttiv li huwa ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba impenji urġenti li nqalgħu. Għal din ir-raġuni, il-laqgħa ser tkun preseduta minnu.

84.1.2 Is-Sur Cordina flimkien mal-membri preżenti taw merħba lis-Sur Neville Chetcuti li attenda din il-laqgħa minflok is-Sur Conrad Borg Manchè peress li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa.

84.1.3 Is-Sur Cordina ppreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Dominic Cassar, tas-Sur Maximillian Zammit u tas-Sur Stephen Sultana u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

84.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 81 li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' April 2017, il-minuti tas-Seduta Nru 82 li saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju 2017 u Seduta Nru 83 li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2017 kienu meħuda bħala moqrija.

84.2.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, xtaqet tiġbed l-attenzjoni fuq il-minuti tas-Seduta Nru 81 fejn hija kienet ppreżentat it-talba tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida fejn xtaqu li l-flus mgħotija mir-Reġjun jintnefqu f'xogħolijiet ta' pavimentar fl-Imsida Circus, fi Triq l-Università u fi Triq Kalcidon Schembri. L-ispiża totali kienet t'ammonta għal €15,607.50.

84.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ikkonfermat dan kollu u żiedet tgħid li dawn kienu ġew approvati unanimament mill-membri preżenti waqt din is-seduta.

84.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, u sekondati mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai.

## 84.3 Komunikazzjoni mill-President

84.3.1 Il-Viċi Sindku, is-Sur Stefan Cordina, spjega li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-President, is-Sur Michael Fenech Adami.

## 84.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

84.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-membri preżenti.

## 84.5 Rapporti

**(i) Financial Quarterly Report Jannar sa Marzu 2017**

84.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lil membri preżenti li l-Accountant, is-Sur Daniel Galea, ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba li kellu laqgħa oħra. Però huwa bagħat spjegazzjoni qasira dwar ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart ta' din is-sena.

84.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ir-Reġjun irreġistra *deficit* fuq natura rikorrenti ta' €34,000.00. Ir-Reġjun kellu dħul mill-LESA u id-DLG għal rimbors tal-pagi ta' €42,000.00, filwaqt li in-nefqa tal-pagi ammontat għal €41,244.00. Ir-Reġjun kellu spejjez ta' l-operat u manteniment tat-tribunal ta' €72,500.00, filwaqt li spejjez tal-amministrazzjoni ammontaw għal ftit aktar minn €12,000.00. Ir-Reġjun kellu tnaqqis fil-provizjoni għal bilanci dubjuzi mil-LES ta' €51,500.00 billi r-Reġjun ircieva xi pagamenti fuq ċitazzjonijiet antiki. Ir-rizultat huwa id-*deficit* ta' natura rikurrenti, li jammonta għal €34,116.00. Ta' min jinnota li l-kolonna tal-budget hija annwali u għalhekk tkopri tnax-il xahar. Ir-Reġjun kellu jirċievi l-ammont ta' ftit anqas minn €740,000.00 sa l-aħħar ta' Marzu, kellu €814,000.00 bħala flus disponibbli, filwaqt li kellu kontijiet pendenti inkluz *accruals* li jammontaw għal €122,500.00. B'hekk ir-Reġjun spiċċa l-ewwel kwart tas-sena bi flus disponibbli li jammontaw għal €700,000.00, dan wara li matul l-ewwel kwart tas-sena r-Reġjun qassam €250,000.00 lil-Kunsilli Lokali.

84.5.3 Dan ir-rapport kien approvat unanimament mill-membri preżenti fuq il-proposta tal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andrè Grech, u sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

(ii) Business Plan 2017 – 2019

84.5.4 Is-Segtretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lil membri l-laqgħa peress li jonqos il-kitba mingħand il-President. Dan ser jiġi sottomess fil-laqgħa li jmiss.

## 84.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Ċirkulari Numru 13/2017*

84.6.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina rrefera għaċ-Ċirkulari Numru 13/2017 - Inizjattiva Finanzjarjara – Local Government Community Innovation Fund (CIF) – il-Kumitati Reġjonali, wara konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u ċċtattadini fl-istess Reġjun għandhom jiddentifikaw, jiżviluppaw, iwettqu u jsaħħu proġetti sostenibbli li jistgħu jkolhom imparr importanti fi ħdan il-komunità. Għal din ir-raġuni l-Kumitat Reġjonali għandu jibgħat il-proposta lid-Dipartiment sa mhux aktar tard mit-Tnejn 17 ta' Lulju 2017. Kull Reġjun jistà jibbenifika minn total ta' €120,000.

84.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ippreżentat kopja ta' dan id-dokument lil kull membru preżenti.

- *Talba mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

84.6.3 Il-Viċi President, is-Sur Cordina ressaq fuq il-mejda it-talba mingħand il-Kunsill Lokali ta'Ħal Lija sabiex jużaw il-fondi mis-surplus ta' LES sabiex isiru xogħolijiet ta' *road markings* ġodda fi Triq Preziosi għall-ammont ta' €778.80 u fi Triq Ġuiseppe Cali' għall-ammont ta' €601.80.

84.6.4 Il-membri qablu unanimament dwar dan.

Is-Sur Stefan Cordina spjega kif dan ir-Reġjun kien informa lis-sidien ta' l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll tat-Tribunal dwar it-talba sabiex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jkunu qedin jgħajtu lir-Reġjun u mhux lis-sidien. Sid l-uffiċċju amministrattiv qabel dwar dan u qed jiġu ppreparati d-dokumenti filwaqt li sid l-ufficcju tat-Tribunal oġġezzjona u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-Dipartiment dwar dan.

84.6.5 - *Tqassim ta' flus mill-LESA*

Is-Sur Stefan Cordina informa lill-membri li nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2017, sar tqassim ta' flus mill-LESA lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lir-Reġjuni. Għal din ir-raġuni l-AKL ser tiftaħ ħames kontijiet bankarji għal kull Reġjun u fejn dan ir-Reġjun ġie mgħoti s-somma ta' €96,607.91 sabiex jintnefqu minn attivitajiet kulturali. Ċirkulari dwar dan ser tinħareġ mill-AKL aktar 'l

## 84.7 qquddiem.

## 84.7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsillier tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti

84.7.2 mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 81A u 81B.

## 84.8 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 84.8.1 **Mozzjonijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 84.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

84.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:10pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Ġunju, 2017.

IFFIRMATA — IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv